MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 335/2011

**Elmo Insurance Limited (C3500)**

**vs**

**F.G.S. Construction Limited (C 17794) u Jesmond Falzon (ID 396667M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Ottubru 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha s-somma ta' ghaxar t' elef, mitejn u sitta u disghin Euro u hamsa u disghin centezmu (€10,296.95) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta ghal prezz ta' poloz ta' assikurazjoni mahruga mill-kumpannija rikorrenti favur l-intimati kif ukoll spejjez ta' zewg ittri legali datata 12 ta' Mejju 2011 u 24 ta'

Gunju 2011, li ammontaw ghal wiehed u sittin Euro u sitta u tletin centezmu (€61.36).

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lis-socjeta F.G.S Construction Limited fl-14 ta' Novembru 2011, u dana skond ir-riferta pozittiva tal-Marixxal Reno Spiteri datata 16 ta' Novembru 2011 (fol 8 tergo).

Illi fis-seduta  tat-2 ta' Dicembru 2011 il-kawza giet ridotta ghas-somma ta' seba' t'elef, tmien mija u disgha u sebghin Euro u hames centezmi (€7,879.05).

Illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2012 gie rilevat illi l-konvenut Jesmond Falzon kien ghadu ma giex notifika.

Illi Jesmond Falzon gie notifikat bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-2 ta' Ottubru 2012, (vide fol 98), kif ukoll bl-affissjoni fit-28 ta' Settembru 2012 (vide fol 99 tergo) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent fis-27 ta' Settembru 2012 (vide fol 101)

Illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2012, ma deher hadd mill-konvenuti sabiex jikkontesta il-kaz u il-kawza giet differita ghas-seduta tat 22 ta' Ottubru 2012.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta' l-istess Socjeta attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallasu lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' t'elef, tmien mija u**

**disgha u sebghin Euro u hames centezmi (€7,879.05) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum kif mitluba w bl-imghaxijiet legali kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------